A.L. 272 ta' l-2009

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA
(KAP. 10)

Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti biex Jinżamm il-Bon Ordni f'Lokalitajiet ta' Divertiment

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 183(2) u bl-artikolu 203 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti biex Jinżamm il-Bon Ordni f'Lokalitajiet ta' Divertiment, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti biex Jinżamm il-Bon Ordni f'Lokalitajiet ta' Divertiment, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 10.40.

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "sittax-il sena", kull fejn jidhru, għandhom jidħlu l-kliem "sbatax-il sena".